# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru   23**

**Avviz  numru   70/00/SM**

**FG Electrics Co. Ltd.**

**vs**

**Edgar Brincat**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' erba' mija u wiehed u sittin lira u tnejn u sebghin centezmu, (LM461.72,0), oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1999 in konnessjoni ma' xoghol ta' elettriku u ilma intrakorsi fil-fond ossija**

**appartament "Seacliffe Apartments", Tower Road, Sliema fuq inkarigu tal-konvenut;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 46/2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-22 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi hu ma ghandu jghati xejn lill-attur nomine stante illi x-xoghol effettwat mill-attur fil-propjeta' tal-konvenut ma sarx skond l-arti u s-sengha;**

2. **Illi inoltre l-attur naqas illi jissuplixxi materjal tal-elettriku li tieghu qed jippretendi li jithallas;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Hadet konjizzjoni tal-fatt li wara l-fazi probatorja il-partijiet awtorizzawha tghaddi immedjatament ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' attrici kienet inkarrigata mill-konvenut biex tinstalla sistema ta' ilma u elettriku go appartament bl-isem "Seacliff", Tower Road, Tas-Sliema, billi tissupplixxi zewg haddiema flimkien mal-materjal;**

2. **Illi l-ftehim milqugh bejn il-partijiet kien li z-zewg haddiema ingaggati kienu ser jithallsu mill-konvenut bil-gurnata;**

3. **Illi l-partijiet ftehemu wkoll li l-konvenut kellu jghati struzzjonijiet lil dawn iz-zewg haddiema**

**billi jindikalhom x'kellhom jghamlu u ma jghamlux stante li l-istallazzjoni ma kienitx wahda ta' natura ordinarja jew normali;**

**4. Illi s-socjeta' attrici issostni li imxiet skond il-ftehim pattwit u ssupplixxiet in-nies;**

**5. Illi fid-dekors tax-xogholijiet is-socjeta' attrici bdiet tithallas "on account" u kienet tirilaxxa "invoices" li jindikaw id-dati, il-hin u l-materjal;**

**6. Illi qabel ma gie itterminat ix-xoghol il-konvenut issospenda l-prosegwiment tax-xoghol u dan eventwalment tkompla minn terzi;**

**7. Illi s-socjeta' attrici qed tintavola din il-kawza ghall-bilanc dovut mill-konvenut;**

**8. Illi l-konvenut qed jirrifjuta jghamel dan peress li x-xoghol maghmul miz-zewg haddiema lilhu mibghuta mis-socjeta' attrici allegatament mhux biss kien skadenti u ezageratament fit-tul, izda irrizulta ghal kollox ineffettiv ghall-iskopijiet u "appliances" li kien intiz ghalihom;**

**9. Illi ghaldaqstant il-konvenut irrifjuta jeffettwa pagamenti ohra;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi skond il-konvenut jirrizulta li xi xogholijiet precedentement moghddija miz-zewg haddiema mqabbda mis-socjeta' attrici kellhom jergghu jigu moghddija mill-gdid, u dan jinkludi "re-wiring" u trinek godda fost l-ohrajn;**

**Illi dan ix-xoghol skadenti jirrizulta li wassal lill-konvenut fi spejjez ohra inutli u f'dilungar zejjed fix-xoghol li kellu ippjanat;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi s-socjeta' attrici kellha l-obbligu li meta tibghat haddiema din kellha l-obbligu li tara li dawn huma kapaci ghax-xoghol li kellu jsir;**

**Illi ghalhekk jirrizulta li s-socjeta' attrici bil-fatt li baghtet haddiema li rrizultaw mhux kapaci li jghamlu x-xoghol rikjest hi hija wkoll kolpevoli ghall-culpa in eligendo;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**